**L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009**

## Salarji bażiċi u l-allowances applikabbli għall-persunal tal-Europol *

P6_TA(2009)0102

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill li taġġusta s-salarji bażiċi u l-allowances applikabbli għall-persunal tal-Europol (14479/2008 – C6-0038/2009 – 2009/0804(CNS))**

(2010/C 87 E/50)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża (14479/2008),

— wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi r-regolamenti tal-persunal applikabbli għall-impjegati tal-Europol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, skont liema artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0038/2009),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0078/2009),

1. Japprova l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsulta lill-Parlament mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-inizjattiva tar-Repubblika Franċiża b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvern tar- Repubblika Franċiża.

---

([1]) ĠU C 26, 30.1.1999, p. 23.